MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 03 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tnejn 28 ta' Frar 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.00 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Viċi Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sa Christine Dalli |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 03.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

03.1.1 Il-President informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

03.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tat-tieni (02) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

03.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Masini Vento u ssekondata mis-Sa Maria Magri, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 03.3 Financial Statements 2021;

03.3.1 Il-President ressaq id-dokumenti tal-Financial Statements li ntbagħtu minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu talab lill-accountant tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar is-Sa Marisa Ciappara sabiex tidħol fil-kamra ħalli tagħti spjega tagħhom.

03.3.2 Is-Sa Marisa Ciappara ħadet postha u tat spjegazzjoni tar-rapporti finanzjarji. Hi qalet li l-Kunsill Reġjonali żamm in-nefqa mal-pjan ta' ħidma tiegħu u jinsab f'qagħda finanzjarja soda. Is-Sa Ciappara kkonfermat li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jinsab f'pożizzjoni tajba biex jilqa' għall-isfidi tiegħu u biex iwettaq il-proġetti li għandu ppjanati mingħajr ebda diffikultà finanzjarja.

03.3.3 Il-President u l-Membri preżenti rringrazzjaw lis-Sa Marisa Ciappara tal-preżentazzjoni u tas-servizzi tagħha.

## 03.4 Affarijiet Oħra;

**- Proċess tad-devoluzzjoni tas-sit fi Triq San Rafel**

03.4.1 Il-President informa li matul il-jiem li għaddew, l-Enforcement Officers tal-Awtorità tal-Artijiet daħlu jispezzjonaw il-post u bidlu l-katnazzi tal-bieb biex issa l-proċess tad-devoluzzjoni jkun jista' jipproċedi għall-fażi li jmiss.

**- Seminar dwar il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta organizzat mill-Kunsill Reġjonali**

03.4.2 Il-President semma' kif matul il-jiem li għaddew, l-uffiċjal maniġerjali tal-kultura ħadmet fuq l-organizzazzjoni ta' seminar dwar il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta li se jiġi organizzat nhar id-09 ta' Aril 2022 fil-Juventutis Domus, Iż-Żejtun. Bħalissa qed jiġi mfassal il-programm u l-preżentazzjonijiet li se jkunu qed jittellgħu.

**- Attivitajiet matul żmien il-Għid organizzati mill-Kunsilli Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali**

03.4.3 Il-President informa li l-uffiċjal maniġerjali tal-kultura bdiet taħdem flimkien mal-Kunsilli Lokali li se jkunu qed itellgħu attivitajiet fi żmien il-Għid bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali.

**- Sejħa ta’ Uffiċjal Eżekuttiv (skala 13)**

03.4.4 Il-President irrefera għall-proċess tas-sejħa ta’ uffiċjal eżekuttiv (skala 13) mal-Kunsill Reġjonali u qal li għadu kif ġie infurmat li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali approvat l-eliġibilità tal-persuna li ngħatat l-ewwel preferenza mill-bord tal-għażla, u għaldaqstant, dan il-proċess issa jista’ jitkompla.

## 03.5 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

03.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-17.21 u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 09 ta’ Marzu 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina
President

Philip Carabott
Segretarju Eżekuttiv